# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 542/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

vs

**Noel Farrugia**

iben Carmel , imwieled San Giljan, fis-26 ta’ Jannar, 1979, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 205180(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Noel Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli Nhar l-14 ta’ April, 2011, ghal habta tal-05:45am gewwa Triq il-Kbira, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ handbag flimkien ma’ diversi affarijiet ohra ta’ valur li kienu go fih fosthom 100 Euro kontanti, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta’ Teresa Carmela Cassar li hi mara anzjana;

2. Talli fl-istess data, ghal habta ta' bejn is-07:00am u il-11:30am minn gewwa r-residenza privata numru 74, Triq Pinto, Hal Qormi, ikkommetta serq ta' DVD Player tad-Ditta Samsung, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-lok, u li sehh ghad-detriment ta' Francis Degiorgio;

3. Talli fl-istess data, ghal habta tal-05:30am gewwa Triq San Pawl, Hal Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' li jikkommetti serq ta' handbag li kien fih diversi oggetti ta' valur, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi delitt, li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li sehh a deteriment ta' Maria Edwards;

4. Talli fl-istess data, ghal habta ta' bejn is-7:00am u l-11:30am gewwa residenza privata f' Numru 74, Triq Pinto, Hal Qormi kkommetta hsara volontarja fl-imsemmija residenza privata, u li sehhet ghad-deteriment ta' Francis Degiorgio;

5. Talli fl-istess data, ghal habta tas-05:45am gewwa Triq il-Kbira, Hal Qormi hebb ghal Teresa Carmela Cassar li hi mara anzjana sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmillha hsara;

6. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi volontarjament ikkaguna griehi fuq il-persuna ta' l-istess Teresa Carmela Cassar;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Teresa Carmela Cassar biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod tali li ta fastidju lill-persuna ohra u cioe' lil Teresa Carmela Cassar, b'mod li kien jaf jew li messu kie jaf li dan kien ta fastidju ghal dik il-persuna;

9. Talli fl-istess data, ghal habta tal-05:30am gewwa Triq San Pawl, Hal Qormi hebb kontra Maria Edwards sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmillha l-hsara;

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna griehi fuq il-persuna ta' l-istess Maria Edwards;

11. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna lil Maria Edwards biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

12. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod talli li ta fastidju lill-persuna ohra u cioe' lil Maria Edwards, b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal dik il-persuna;

13. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulenta lil Maria Edwards;

14. Talli fl-istess data, ghal habta tas-06:30am gewwa Triq il-Mithna, Hal Qormi kkommetta hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRM 630, ghad-deteriment ta' Jason Vella;

15. Talli fl-istess data, hinijiet u gewwa Hal Qormi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

16. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

17. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares diversi kondizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet li gie moghti u li bih inghata il-helsien mill-arrest;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u b'hekk jsir l-arrest mill-gdid ta' l-imputat;

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex is-somma li kienet bhala garanzija personali, fil-kondizzjonijiet impost mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fid-digriet li gie moghti, tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti, finalment giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jizamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti fil-waqt li ddikjarat l-procediment ezawriet fir-rigward tar-raba imputazzjoni, u fil-waqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni, s-sebgha, it-tmien, il-hdax, it-tnax u t-tlettax imputazzjoni u illiberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 41, 49, 50, 214, 215, 221, 222A(1), 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 276A, 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(d) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta sabet lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ma nstabx hati ta' l-aggravju dwar il-mezz u il-valur u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma nstabx hati ta' l-aggravju dwar il-valur mill-liema aggravju gie liberat, u ikkundannatu tlett snin prigunerija. Inoltre l-Qorti irrevokat l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat permezz tad-degriet tas-27 ta' Settembru, 2010 u konsegwentement ordnat r-riarrest ta' l-imputat u ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu u l-garanzija personali imsemmija fid-degriet tas-27 ta' Settembru, 2010, f'l-ammont totali ta' €5,500.

Rat ir-rikors tal-appellant Noel Farrugia pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-esponenti gie liberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu, thassarha u tirrevoka billi tilliberah mill-ewwel, il-hames u s-sitt akkuza u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponenti jikkontendi bid-dovut rispett li huwa kellu jigi liberat ukoll minn l-akkuzi numru wiehed [1], numru hamsa [5] u numru sitta {6] u dana ghas-semplici raguni li bid-dovut rispett

ma' tezisti ebda, anqas nitfa prova li b'xi mod seta' kien l-esponenti appellant li kkometta r-reati msemmija ossia s-serq , il-hebb u griehi hfief fuq il-persuna anzjana ta' Teresa Carmela Cassar.

Illi l-Ewwel Qorti donnu li erronjament, stante li fil-kamp penali ma' jistax isir hekk, qabdet u arbitrarjament ddecidiet li la darba kien hemm provi li jorbtu lill-appellant mas-serqa ta' Edwards u l-hsara fuq il-karozza ta' Jason Vella allura ergo li b'inferenza l-esponenti kien hati wkoll tal-akkuzi li l-esponenti qed jappella minnhom. Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti ma' setghetx taghmel dan l-ezercizzju u kwazi kwazi kull kumment iehor fuq dan il-punt ikun superfluwu. Illi dwar l-akkuzi msemmija f'dana l-aggravju anqas provi cirkostanzjali ma' kellha l-Qorti ghajr ghall-fatt li l-esponenti kien f'Hal Qormi dak inhar u li seta' kkometta serq zghir ta' hand bag u li waqt li lletika mas-siehba tieghu laqat karozza ta' terzi. Illi bir-ragunament tal-Ewwel Qorti jekk persuna tkun qed tikkometi reat f'lok fejn dak il-hin jew f'hin vicin jigi kommess reat iehor, allura jkun ifisser li dik il-persuna tkun hatja anke tat-tieni reat. Illi mhux biss izda dak li qal Degorgio lil Pulizija kien dwar s-serqa ta' Edwards u dana peress li l-imputat tkellem mieghu fuq serqa ta' hand bag u mhux ta' numru ta' handbags kif erronjament ddecidiet l-Ewwel Qorti. Illi certament li l-esponenti ghandu jigi lliberat minn l-akkuzi msemmija peress li jekk ma' jsirx hekk ser noholqu precedent ikrah u ikrah hafna fil-processi penali. Illi accettat mill-Qorti tal-Appell li l-esponenti kellu jigi lliberat minn dawn it-tlett [3] akkuzi allura dan ghandu jkun rifless b'diminuzjoni fil-piena.

2. Illi t-tieni aggravju jikoncerna is-17 il-akkuza. Illi bid-dovut rispett una volta li l-Ewwel Qorti erogat piena ta' habs effetiv, l-istess Qorti f'kaz bhal dan fejn ghandek appellant li dak inhar tal-kaz kien ghaddej minn perjodu ikrah f'hajtu setghet bid-dovut rispett ma' tkomplix 'tkisser' lill-esponenti u tordnalu li huwa jhallas ukoll l-garanzija personali fl-ghoti tal-helsien minn l-arrest tas-27 ta' Settembru, 2010. Illi bid-diskrezzjoni li tipermetti dina l-akkuza l-Ewwel Qorti kienet harxa zzejjed mal-esponenti meta ordnatlu jhallas ukoll dawn il-flus. L- esponenti huwa persuna li llum hareg mill-vizzju tad-droga bis-sahha tal-genituri tieghu li baqghu kostanti fuqu u zgur li ma' ghandux mezzi biex ihallas somma hekk iebsa ta' hamest elef u hames mitt lira. Illi ghalhekk alumenu dina l-parti tas-sanzjoni mposta fuqu setghet u kellha tigi bid-dovut rispett evitata.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali.

Illi, l-esponent umilment qiegħed jintavola din ir-risposta quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrispondi għall-aggravju mqajjem mill-appellant fir-rikors t'Appell tiegħu, hawn fuq imsemmi.

***<u>A Rigward tal-Ewwel Aggravju</u>***

Illi, fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li huwa kellu jiġi liberat ukoll mill-ewwel (1), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkużi u dana minħabba li, skont hu, ma teżisti ebda prova li hu ikkometta r-reati addebitati lilu.

Illi, huwa minnu li l-vittma li għaliha jirrelataw l-ewwel (1), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkużi, u ċioe Teresa Cassar, ma kinitx f'pożizzjoni li tidentifika lill-aggressur tagħha minħabba d-dinamika tal-inċident pero' *nonostante ċio*, xorta jeżistu provi oħrajn li jindikaw li l-appellant kien filfatt ħebb għal Teresa Cassar, seraqha u kkaġunalha ġrieħi ħfief

Illi, is-segwenza ta' kif seħħ dan l-inċident kienet hekk – Teresa Camilleri kienet mixja fuq il-bankina fid-direzzjoni tal-Knisja u f'daqqa waħda persuna ta' sess maskili mar fuqha fejn ġibdilha l-handbag bil-konsegwenza li l-vittma waqgħet mal-art u soffriet ġrieħi ħfief filwaqt li l-aggressur telaq jiġri.

Illi, għalkemm il-vittma ma kelliex ċans tara lill-persuna li aggrediha, kien hemm diversi nies oħra li kienu fil-post meta seħħ l-inċident li stqarrew li l-aggressur x'aktarx kien persuna ta' razza għarbija u kellu *crash helmet* sewda f'idejh (a fol. 31 tal-Atti Proċesswali).

Illi, sussegwentement, meta saret spezzjoni mill-Pulizija fl-akwati tal-inċident, instab mutur ta' kulur iswed tal-għamla Piaggo bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE-654.

Illi, wara li dan l-istess mutur ittieħed għall-aktar investigazzjonijiet mill-Pulizija, irraporta l-Għassa ċertu Anton Pace fejn stqarr li kien xtara dak il-mutur mingħand il-Giza, u ċioe l-appellant fil-kaz odjern, u kienu ħallewh ipparkjat fejn instab peress li kien mingħajr *petrol*.

Illi, aparti dan kollu, għandna ukoll ix-xhieda ta' Francis Degiorgio (a fol. 88 et tal-Atti Proċesswali) fejn dan jgħid illi l-istess appellant Noel Farrugia kien stqarr miegħu li fid-data tal-inċident kien seraq mara anżjana f'Ħal Qormi. Dan l-istess kliem kien ukoll qalu lill-Pulizija meta kien irrikorra volontarjament ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi u kien irrilaxxa u ffirma stqarrija volontarja f'dan is-sens.

Illi, hawnhekk għandna konfessjoni ċara u tonda ai termini tal-Artikoli 658 u 659 tal-Kodiċi Kriminali, li jaqraw hekk –

658. **Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr**, sew bil-miktub kemm **ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi**.[1]

659(2). **Xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittieħed bħala prova kull konfessjoni oħra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara**.[2]

Illi, għalhekk meta Noel Farrugia mar fuq Francis Degiorgio u stqarr miegħu li kkommetta reat, u ċioe li ħebb għal Teresa Cassar, ikkaġunalha ġrieħi ħfief u seraqha, huwa kien qed jagħmel, volontarjament, konfessjoni hekk kif hemm miktub fil-Liġi u tali konfessjoni għandha tittieħed bħala prova konkreta f'dan il-kaz.

Illi, mis-suespost jidher ċar li avolja ħadd ma identifika b'ċertezza lill-persuna li aggrediet u serqet il-handbag ta' Teresa Cassar xorta waħda jeżistu provi suffiċjenti sabiex jindikaw minn kienet din l-istess persuna. *Tenedo conto* tal-kronoloġija tal-inċidenti kollha li ġraw kif ukoll mill-prossimita' tal-postijiet fejn seħħew l-inċidenti u anke a bażi tal-konfessjoni li l-appellant għamel lil Francis Degiorgio kemm wara kif ukoll qabel ma seħħet l-aggressjoni fuq Teresa

[1] Enfazi tal-esponent.

[2] Enfazi tal-esponent.

Camilleri jindika b'mod ċarissimu li kien l-istess Noel Farrugia li ħebb għal vittma, ikkaġunala ġrieħi ħfief u serqilha l-handbag. Għaldaqstant, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta fid-deċizjoni li tat.

***A Rigward tat-Tieni Aggravju***

Illi, it-tieni aggravju tad-difiza huwa li l-Ewwel Qorti kienet ħarxa zzejjed meta ordnat lill-appellant iħallas garanzija personali meta ingħatatlu ukoll piena ta' ħabs effettiv.

Illi, l-esponent, b'ebda mod ma jista' jasal biex jikkondividi t-teżi tad-difiża u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi, l-ħlas tal-garanzija personali hija marbuta mal-aħħar imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, u ċioe' li huwa kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest permezz ta' digriet datat 27 ta' Settembru, 2010.

Illi, jirriżulta minn dan l-istess digriet imsemmi li l-appellant kien obbligat, fost kondizzjonijiet oħra, li ma jkunx barra minn daru qabel is-sebgħa ta' fil-għodu kif ukoll li ma jagħmilx reat ieħor ta' natura volontarja fil-perijodu tal-ħelsien mill-arrest. L-appellant mhux talli ma' osservax il-ħinijiet ta' rinkazar, imma talli kien barra minn daru fil-5:45am u f'dak il-ħin ikkometta reat ieħor ta' natura volontarja.

Illi, dan kollu, flimkien ma' ħarsa lejn il-fedina penali tal-appellant kif ukoll tenut kont ta' proċeduri oħra pendenti kontra l-istess appellant li jirrigwardaw reati ferm aktar serji minn dawk tal-proċeduri odjerni, jwasslu għal konkluzzjoni li l-appellant assolutament mhuwiex affidabbli u li ftit jimpurtah mill-Liġi.

Illi, ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk l-imputat jonqos milli jħares xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, is-somma msemmija fl-obligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll jinħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tal-istess imputat.

Illi, l-istess Artikolu jkompli billi jgħid li –

*Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Illi, għalhekk, ġialadarba inkissru l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mil-arrest bl-aktar mod sfaċċat, l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet titlob li s-somma tal-garanzija tiġi dovuta, kif fil-fatt għamlet.

Illi, għaldaqstant jirriżulta b'mod ċar li l-piena, fl-intier tagħha, li nfliġġiet l-Ewwel Onorabbli Qorti tinsab fil-parametri tal-Liġi. Għaldaqstant, ġialadarba tali piena tinkwadra b'mod l-aktar ċar u inekwivoku fil-parametri li tagħti l-Liġi stess, il-Qorti kellha kull setgħa li tinfliġġi din l-istess piena. Huwa prinċipju ormai stabbilit li ladarba l-piena nflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mill-Liġi, allura huwa ndesiderabbli li l-Qorti Superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-Ewwel Qorti skont il-Liġi. Dan il-prinċipju kien ukoll kristallizzat fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Attard, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2006, fejn il-Qorti qalet li –

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi."*[3]

Illi, ġialadarba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kienet fil-limiti li pprefissat il-Liġi, allura din m'għandiex tiġi varjata jew saħansitra mxejna minħabba l-fatt li l-appellant qed iħoss li l-piena hija eċċessiva. F'dan l-istadju wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-fedina penali tal-appellant; fatt li ttieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti.

---

[3] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, kif ukoll in vista ta' kwalunkwe raġunijiet oħra li jistgħu jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent umilment jitlob li l-appell ta' Noel Farrugia jiġi miċħud u sussegwentement tiġi kkonfermata, fl-intier tagħha, s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi, datata 2 ta' Diċembru, 2013.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-akkuzi numru wiehed (1), numru hamsa (5) u numru sitta (6) dwar Teresa Carmela Cassar. L-appellant hu tal-fehma li ma hemm ebda prova li torbot lilu ma din il-persuna. Mill-provi prodotti jirrizulta li hemm xhieda okulari ghal dak li jirrigwarda l-incident ma Maria Edwards. Dan ma japplikax ghall-kaz dwar Teresa Carmel Cassar. Hadd ma ra l-incident. L-unici provi ndizjarji huma li dan il-fatt gara fl-istess gurnata ta' l-kaz l-iehor u li l-kazizjiet graw ftit toroq minn xulxin f'Hal-Qormi. Min-naha taghha l-prosekuzjoni hi tal-fehma li apparti dawn iz-zewg sitwazzjonijiet kien hemm xi persuni li raw lill-appellant b'helmet iswed meta attakka lil Cassar. Dan il-fatt jinsab inkluz fl-okkorrenza tal-kaz ta' Cassar. Dan mhux bizzejjed ghaliex kien ikun ferm izjed siewi li tali persuni ngiebu jixhdu l-Qorti. Dan ma sarx. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-provi ndizjarji huma ta' certa mportanza izda mhumiex konklusivi mija fil-mija li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni. Id-dubju hu hemm u hu wiehed ragonevoli. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jirnexxi.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-isbatax l-akkuza u it-talba li d-depozitu u il-garanzija pekunjarja jghaddu f'idejn il-Gvern. Ma hemm xi tghid xejn dwar kif iddecidiet l-ewwel Qorti u id-decizjoni taghha hi wahda fil-parametri tal-ligi. Min-naha l-ohra dan hu punt fejn il-Qorti ghandha certa diskrezjoni fl-operat taghha. L-appellant dak iz-zmien kellu problema serju ta'

droga u din il-Qorti qed tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni.  Il-fatt li tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' dawn il-flejjes ifisser li tkun qed timponi oneru gravjuz fuq persuna li sforz il-problemi taghha tad-droga rrikorriet ghal dawn ir-reati meritu ta' dan l-appell.  Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa l-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata kontra Noel Farrugia fis-sens li qed tilqa l-appell dwar l-ewwel (1), il-hames (5) u is-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar dawn it-tlett akkuzi u qed tilliberah minn kull htija u piena.  Qed tilqa l-appell tieghu dwar id-depozitu u il-garanzija personali msemmija fid-digriet tas-27 ta' Settembru, 2010 fl'ammont ta' hames telef u hames mitt euro (€5,500) fis-sens li qed tehles lill-appellant mill-hlas taghhom lill-Gvern ta' Malta.  Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena ta' tlett (3) snin prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.